# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 2

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

L-Erbgħa 22 ta' Novembru 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Rita Borg, tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, tas-Sur Stephen Sultana u tas-Sur Anthony Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 1 li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

2.2.2 Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, xtaq jagħmel nota fuq punt numru 1.64 tal-minuti dwar il-ħaddiema ta' l-RSSL. Hu spjega li għalkemm qabel li l-ħlasijiet tal-petrol għandu jsir mill-Kunsill Lokali, l-ammonti ta' kilometri għandhom ikunu korretti u li ġaladarbda dawn il-ħaddiema jridu jagħmlu użu mill-van personali tagħħom minflok dak provdut mill-Kunsill Lokali, għandu jkun hemm persuna li tivverifika l-milage li jkun qed isir.

2.2.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, żiedet tgħid li meta dan is-suġġett kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti, ma kienitx taf li l-Kunsilli Lokali kienu qablu li għandhom iħallsu tat-trasport li kien sar qabel dan il-ftehim.

2.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar.

## 2.3 Komunikazzjoni mill-President

2.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li r-Reġjun għandu jerġa jibgħat ittri legali fuq dawk il-kontravenzjonijiet li baqgħu ma tħalsux. Però l-ittri għandhom ikunu indirizzati dirett mill-avukat, Dott. Richard Sladden, u ma jkunx hemm l-logo tar-Reġjun.

2.3.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li l-ħlas ser jibqa' l-istess bħal ma kien sar qabel u kif ir-Reġjun jirċievi l-ħlasijiet l-ewwel jinqatgħu l-ispejjez ta' l-avukat u l-kumplament tal-flus jingħata lill-Kunsill Lokali rispettiv.

2.3.3 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex li r-Reġjun jipproċedi bl-ittri legali peress li ma kienx bagħat dawn l-ittri qabel.

2.3.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan bejn il-membri preżenti. Però l-Kunsill ta' San Ġwann ser jerġa jivverifika mal-Kunsill tiegħu peress li qatt ma kienu riedu jidħlu f'dan il-ftehim.

## 2.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

2.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

2.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 2.5 Rapporti

2.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien l-ebda rapport x'jiġi ndirizzat f'din il-laqgħa.

## 2.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Aġġornament fuq l-inizjattiva finanzjarja dwar ix-xogħolijiet fit-Toroq bit-Tarmak***

2.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2017 dan ir-Reġjun ġie mgħarraf mid-DLG li t-talba sabiex ikun hemm stensjoni fid-data ta' l-għeluq kienet ġiet milquha. Għal din ir-raguni x-xogħolijiet ta' tarmac għandhom ikunu lesti sat-28 ta' Far 2018. Il-Kunsilli Lokali kkonċernati ġew mgħarfa mmedjatament.

- ***Ikla tal-Milied***

2.6.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami informa lill-membri li l-ikla ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 fis-7:30pm ġewwa Flavours Restaurant, Radission Golden Sands Hotel fejn id-dettalji kollha ntbagħtu permezz ta' e-mail.

- ***Tiġdid tal-Kuntratt tat-Telworking***

2.6.3 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, sabiex iġġedded il-kuntratt tagħha għal sena oħra.

2.6.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- ***Is-Sistema tas-Sigurtà għad-depożitu tal-flus***

2.6.5 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex dan ir-Reġjun jibda jagħmel użu minn dan is-servizz darba fil-ġimgħa.

2.6.6 Il-membri preżenti qablu li dan is-servizz isir mingħand City Security peress li kienet l-irħas offerta.

- ***Uniformi tal-ħaddiema klerikali***

2.6.7 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-uniformi li għandhom il-ħaddiema klerikali peress li l-uniformi li għandhom fil-preżent ilhom tliet snin.

2.6.8 Il-membri preżenti unanimament qablu li dawn għandhom isiru.

- *Akkumulazzjoni tal-Leave mis-sena 2017 għas-sena 2018*

1.6.9 Il- President ressaq fuq il-mejda t-talba tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, sabiex itella 32 siegħa (4 t'ijiem) ta' *vacation leave* għas-sena li ġejja.

1.6.10 Il-membri preżenti qablu unanimament dwar dan.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.7.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 2A u 2B.

2.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 2.8 **Mozzjonijiet**

2.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:40 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |